MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 71

## 12 ta` Marzu 2019

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Ufficċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-sitta ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

### 71.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija. Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li gie nfurmat mis-Sur Mizzi li ser jitardja xi ftit u kif ukoll li b`telefonata mis-Sur Zerafa gie nfurmat li qieghed fit-triq.

18.22hr Is-Sur Eman Zerafa inghaqad fil-laqgha.

18:40hr Is-Sur Mizzi inghaqad fil-laqgha

19:15hr Is-Sur Anton Gellel skuza ruhi mill-laqgha.

### 71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Annwali u Laqgha Nru 69(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti mqajma mill-Minuti**

71.2.1 Is-Sur Boxall propona li ghandhom jitwahhlu sitt bankijiet godda fejn il-monument tal-papa mill-fondi tal-UIF. Dwar dan kien hemm qbil unanimu

71.2.2 Giet diskussa talba li saret minn xi residenti dwar zebra crossing fi Triq San Dwardu.

71.2.3 Is-Sur Boxall talab lis-Sur Anton Gellel sabiex jiccekja dwar il-min inbieghet id-dar li hemm fi Triq Hilda Tabone li dwarha kien hemm xi ilmenti minn xi residenti.

71.2.4 Giet diskussa l-possibilta li ssir cctv camera li tkun ikontrollata mill-Kunsill fi Triq il-Kardinal.

**71.3 Korrispondenza**

71.3.1 Giet diskussa s-sitwazzjoni tax-xoghlijiet li ghaddejin fil-kampnar tal-knisja fejn is-Sur Mizzi qal li hemm diversi diskussjonijiet ghaddejin fuq dan l-issue. Is-Sur Mizzi zied jghid li ser tohrog stqarrija mill-Planning Authority dwar dan.
Is-Sindku talab sabiex il-laqgha tigi ssuspenduta ghal ftit hin.

Is-Sindku spjega kif qed jigi nnutat li fuq pagna ta` facebook qed jintefu certu posts li qed ikunu zgwidati u li qed jitfu dell ikrah fuq il-lokalita. F`dan l-istadju l-Kunsill jista` jkellem lill-Arcipriet u flimkien jaraw fejn l-Kunsill jista` jkun ta` ghajnuna. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

71.3.2 Moqrija talba tas-Sur Etienne Zahra mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp fejn is-Sindku rimarka li fl-ittra tas-Sur Zahra irrefera ghall-post li ser juzaw ghall-hruq tan-nar f`hafna verzjonijiet differenti. Il-Kunsill talab sabiex din l-ittra terga` tintbghat u bl-isem tal-post it-tajjeb qabel ma jinghata l-permessi mehtiega.

71.3.3 Mibughta stedina ghall-laqgha li ser ssir gewwa Ginevra bejn it-8 u 9 ta` April, fejn ghal din il-laqgha jattendu bosta sindki minn bliet differenti madwar l-Ewropa. Is-Sur Boxall spjega kif huwa talab biex din l-istedina tigi diskussa mall-Onorevoli Carmelo Abela.

71.3.4 Mibughta korrispondenza lis-Sinjura Yana Spiteri mill-LESA dwar postijiet li l-Kunsill jixtieq li jinstalla ic-cctv cameras, fejn fosthom hemm Triq il-Kardinal Fabrizio Scibberras, Triq San Lawrenz, Triq il-Mina l-Kbira.

71.3.5 Mibughta korrispondenza tal-postijiet li l-Kunsill jixtieq jibdel jew jinstalla bus shelters godda fil-lokalita tieghu fosthom fil-Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq San Dwardu, Triq San Lawrenz, Triq Joseph Mary Genuis, Triq Fuq tal-Hawli u Triq il-Gublew tal-Fidda.

71.3.6 Moqrija korrispondenza li ntbghatet lill-Arcipriet dwar vandalizmu li sar fuq xi krieket li hemm fic-cimiterju. Il-Kunsill talab sabiex minn naha tal-Knisja jigu nstallati cameras biex jigi prevenut li jsir incident iehor bhal dan. Sa` llum il-Kunsill kien ghadu bla risposta minn naha tal-Arcipriet.

71.3.7 Giet prezentata l-korrispondenza li ntbaghtet mill-avukat tal-Kunsill lis-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz dwar il-kirja tal-garaxx, fejn l-Kunsill kien qabel li l-ammont ta` hlas fis-sena jkun ta` €1,100 ghall-perjodu ta` tlett snin.

71.3.8 Is-Sur Boxall tah rendikont tal-ispejjez li saru fl-attivita tal-Karnival 2019. Is-Sur Boxall zied jghid li l-ammont tal-ispiza kien ta` madwar elf u hames mitt ewro, elf ewro aktar minn dak previst u dan ghal fatt li l-ispiza l-aktar li telghet bil-kiri ta` barriers u l-pulizija.

71.3.9 Mibughta korrispondenza lill-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-valutazzjoni ta` hsarat li gew kkawzati mill-maltemp li ghamel. Il-Kunsill stma dawn il-hsarat ghall-valur ta` €11,985.

71.3.10 Prezentata korrispondenza dwar progett li jaqa` taht il-progett H2020. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu f`dan il-progett.

71.3.11 Mibughta korrispondenza lill-Regjun Xlokk dwar jekk ir-Regjun harigtx is-sejha ghall hatra ta` DPO u jekk dan ikunx ser iservi ghall-Kunsilli kollha ta` dan ir-Regjun.

71.3.12 Giet moqrija korrispondenza dwar talba ghall-permess biex jitpoggew imwejjed u siggijiet quddiem il-hanut tieghu u faccata (naha l-ohra ta` triq) fi Triq San Lawrenz (in-nizla tax-xatt). Dwar dan il-Kunsill ma qabilx unanimament.

71.3.13 Prezentata l-kwotazzjoni dwar tiswija tal-printer li tammonta ghall-€397.10. Din giet approvata unanimement.

71.3.14 Prezentata l-kwotazzjoni sabiex issir xoghol ta` patching fi Triq l-Antika, liema kwotazzjoni tammonta ghall-800Ewro ezkluz il-VAT. Din il-kwotazzjoni giet approvata.

71.3.15 Giet moqrija ittra li ntbghatet lill-Onorevoli Ministru Ian Borg dwar is-sitwazzjoni tal-caravans li qeghdin jipparkaw fl-Oil Tanking fi Triq Salle Porte.

71.3.16 Gie prezentat il-komunikat DG K 2 2019 dwar Zvilupp u Implimentazzjoni ta` Strategiji Kulturali ghall-Kunsilli Lokali u Regjonali.

71.3.17 Giet moqrija korrispondenza li ntbaghtet mis-Sur David Andre, Sindku ta` Victoria, Seychells dwar possibilita li jsir twinning bejn iz-zewg lokalitajiet u dan ghal fatt li jixtiequ li jsir muzew marittimu fil-gzira taghhom.

71.3.18 Prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunsill ghax-xahar ta` Frar 2019. Dan gie approvat unanimament minn dawk prezenti.

71.3.19 Prezentat l-overtime tal-haddiema tal-Community Scheme ghax-xahar ta` Frar 2019. Dan gie approvat unanimament minn dawk prezenti.

**71.4 Decizjoni dwar is-sejha ghall-offerti ghas-servizz ta` gbir ta` skart fil-lokalita tal-Birgu**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li wara li l-evalwaturi talbu ghall-klarifikazzjoni tal-ammont tal-offerta, il-kuntrattur, is-Sur Saviour Mifsud informa lill-bord li l-prezz globali ghall- erbgha snin kien ta` €205,920, ammont li huwa aktar minn dak li kien budgeted. Il-Kunsill qabel li tender jinghata lis-Sur Mifsud b`dak l-prezz u gie deciz li ssir dikjarazzjoni fil-kuntratt li jekk is-servizz fl-ewwel ftit xhur ma jsirx kif mitlub, it-tender jaqa`.

**71.5 Decizjoni dwar Triq l-10 t`Awwissu**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill qieghed fil-process li jissottometti l-formola tad-direct order lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali , wara li ngabu diga l-permessi mehtiega minn Transport Malta.

**71.6 Progett tal-Bandli**

Gew prezentati l-kwotazzjonijiet tal-playingfield equipment fejn il-kumpanija Medtek kellha l-irhas offerta ghall-tube slide ghall-prezz ta` €7300 exc VAT, il-kumpanija Play Safety Malta Ltd kellha l-irhas offerta ghall- elephant up and down slide and tower slide ghall-prezz ta` €5650 exc VAT u ghall-equipment li jintuza minn tfal ta` eta zghira, l-irhas offerta kienet ta` Play Safety Malta Ltd ghall-prezz ta` €9450 exc. VAT.

Gew prezentati l-kwotazzjonijiet tal-rubber flooring fejn l-irhas offerta kienet tal-kumpanija JGC Ltd ghall-prezz ta` €9,495.76 exc VAT. L-irhas offerta ghall-bankijiet u litter bins kienet tal-kumpanijam JGC Ltf ghall-prezz ta` €4,664.07 exc VAT.

Gew prezentati l-kwotazzjonijiet tal-arbli ta` dawl li ser jigu nstallati, fejn l-irhas offerta kienet ta` Amabile Galea & Sons li tamonta ghall- €7,200 inc VAT. Barra min hekk gew prezentati l-kwotazzjonijiet tal-light fittings fejn l-irhas offerta kienet tal-Hydroelectric Ltd ghall-prezz ta` 5,736.60 exc VAT.

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-kwotazzjonijiet

**71.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

71.7.1 Is-Sur John Boxall talab sabiex issir laqgha mall-barklori

71.7.2 Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li nhar il-Hadd 17 ta` Marzu kienet ser ssir il-maratona/treasure hunt fil-lokalita tal-Birgu. L-organizatturi offrew id-donazzjoni ta` 1780Euro li jkopru servizz ta` tindif ghal wara l-attivita.

71.7.3 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti sabiex il-Kunsill jorganizza attivita ghall-Jum l-Omm. Is-Sur Mizzi offra li jiccekja mall-Cavallieri Hotel il-prezzijiet sabiex issir Breakfast & Bingo nhar il-Erbgha 8 ta` Mejju 2019.

**71.8 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

71.8.1 Is-Sur Anton Gellel issugerriexa li jigi rrangat l-isprall qudiem id-dar FredRose House fi Triq il-Kardinal.

18:35hr Is-Sindku talab sabiex il-laqgha ssir fi stadju ta` kumitat ghal ftit minuti.

**71.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4668 sa` BOV 4709, u Bank Transfer mill-kont tal-BOV u cekkijiet bin-numri, HSBC 9769 sa` HSBC 9770. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 26 ta` Frar sat-12 ta` Marzu 2019.

**71.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u kwart ta` filghaxija (8.15pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 1 ta` April 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum it-Tnejn 29 ta` April 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |